# IT-TIĠRIJA TA' SANTA MARIJA F'GĦAWDEX

◆ Dun Anthony M. Saliba

Meta daqs sentejn ilu kont mitluf inqalleb fi kwantità kbira ta' kotba antiki fil-Librerija Pubblika ta' 5th Avenue ġewwa New York, ġie f'idejja wieħed bl-isem ta' *Guida dell'Isola di Malta e sue Dipendenza*, ippublikat f'xi zmien bejn l-1840 u l-1844 minn Giovanni Quintana li kellu l-ħanut tal-kotba f'27 ġo Strada Stretta, fil-Belt Valletta. Dan il-ktejjeb, miktub bit-taljan, għandu jitqies bħala waħda mill-ewwel gwidi turistiċi ippublikati dwar il-Gżejjer Maltin. Naturalment, kif ħadt f'idejja dan il-ktieb, mill-ewwel fittixt x'kiteb dan l-awtur dwar Għawdex u imbagħad x'hemm fih dwar iċ-Ċittadella u l-Katidral. F'paġna 160, Giovanni Quintana kiteb hekk: *Il Gozo tiene anche le sue feste nei casali, ma l'unca a cui concorrono molti Maltesi e' quella dell'Assunzione della B.V. il 15 agosto, nella quale vi sono anche* ***corse di bàrberi****, e fuochi d'artifizio la sera precendete*. Bil-Mati: Għawdex għandu anke l-festi tiegħu fl-irħula, imma l-unika waħda li għaliha jikkonkorru ħafna Maltin hija dik tal-Assunzjoni tal-B(eata) V(erġni) fil-15 ta' Awwissu, li matulha jkun hemm **it-tiġrijiet taż-żwiemel**, u l-logħob tan-nar fil-lejl ta' qabel." Dan ifisser li għal nofs is-seklu dsatax, il-festa ta' Santa Marija mhux biss kienet il-festa ewlenija ta' Għawdex (tant li Quintana lilha biss isemmi meta jitkellem dwar Għawdex) imma wkoll kienet ikkaratterizzata mill-logħob tan-nar u mit-tigrija tal-bhejjem, liema żewġ elementi għadhom marbuta ħaġa waħda ma' din il-festa sal-ġurnata tal-llum.

Imma ara ma jkunx hemm xi ħadd jaħseb li l-festa ta' Santa Marija ta' Għawdex bdiet ilbieraħ! Storikament nafu li fl-1398, l-Għid tal-Assunta, titular tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata fil-Belt (illum il-Katidral), kien diġa meqjus bħala l-festa ewlenija ta' Għawdex. U l-ħajja soċjali tal-Għawdxin kienet litteralment iddur madwaru. It-tiġrija tal-bhejjem, li kienet u għada issir għal Santa Marija, hija waħda mill-iktar qodma li nsibu fil-Gżejjer Maltin.

L-oriġini tat-Tiġrija ta' Santa Marija huma medjovali. U l-iskop li ghalih kienet tiġi organizzata ma kienx biss biex tferraħ lil-Għawdxin f'din il-festa ewlenija. Din it-tiġrija kienet tiġi organizzata wkoll biex isservi



It-Tiġrija ta' Santa Marija ta' Għawdex fil-bidu tas-snin għoxrin. (Ritratt: Ħajr lill-Kan. John Meilak u s-Sur Ino Mario Borg.)

ta' inċentiv għal dawk miktuba fid-Dejma Għawdxija biex iżommu ż-żwiemel tagħhom dejjem imħarrġa u b'saħħithom. Id-Dejma kienet dik il-milizzja lokali magħmula minn numru ta' għassiesa li dmirhom kien li jindokraw x-xtut u l-kosta ta' gżiritna lejl u nhar matul is-sena kollha. Ma ninsewx li dawk kienu żminijiet diffiċli u l-gżira tagħna kienet ta' sikwit tkun fil-mira tat-Torok u tal-Ħallelin tal-Baħar li kienu jsorġu mal-kosta ta' Għawdex, jaqbżu l-art, u jagħmlu ħerba minn kull ma jaqa' taħt idejhom.

F'dokument imxandar mill-ħabib tieghi l-istoriku Mons. Joseph Bezzina, u li jikkonsisti fil-minuti ta' laqgha li saret bejn il-membri tal-*Universitas Gaudisii* (il-Gvern Muniċipali ta' Ghawdex) nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju tal-1587, naqraw li dakinhar ittieħdu żewġ deċiżjonijiet importanti rigward it-Tiġrija tal-bhejjem ta' nhar Santa Marija. L-ewwel waħda kienet dik li kellhom jiżdiedu n-numri tal-paljijiet li kienu jingħataw bħala trofej lir-rebbieħa tat-tiġrija. Fil-fatt kellhom jingħataw tlett paljijiet ta' drappijiet fini – tal-bellus, tad-damask, u tal-ħarir – bil-għan li iktar Għawdxin jitħajru jieħdu sehem f'din it-tiġrija. Dawn il-paljijiet kienu jkunu bħal bnadar dojoq mwaħħla għal tulhom ma lasta. L-ebda palju ma kien ikun bħall-ieħor.

It-tieni deċizjoni li ttieħdet kienet dik l-*Universitas Gaudisii* qatgħetha li dawk iż-żwiemel li kienu jinġiebu minn Malta biex jieħdu sehem fit-Tiġrija ta' Santa Marija ma setgħux jittieħdu lura Malta imma kellhom jibqgħu Għawdex. Mela s-sidien tagħhom, Maltin jew barranin, kienu minn dakinhar obbligati jsibu Għawdxin lesti li jixtru ż-żwiemel tagħhom wara s-sehem tagħhom fit-Tigrija ta' Santa Marija.

Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet kienu intiżi biex, waqt li t-tiġrija tkompli tikber u l-poplu jkompli jiffesteġġja bl-aħjar mod possibbli Jum Santa Marija, id-difiża ta' Għawdex tkompli titjieb fl-organizazzjoni tagħha u d-Dejma Għawdxija jkollha iktar żwiemel b'saħħithom u imħarrġa f'każ li l-għedewwa jattakkaw lil Għawdex. Din il-laqgħa tal-Universitas Gaudisii kien tmexxiet mill-Gvernatur ta' Għawdex, Fra Pietro Spina inniffsu.

Ta' min jgħid li s-sinjal għal bidu ta' din it-tiġrija kien jingħata permezz ta' tir ta' kanun – *salvo* – sparat minn fuq is-sur tal-Belt. Il-bhejjem kienu jiġru tul



Il-korsa tal-ħmir fit-Tiġrija ta' Santa Marija ta' Għawdex fil-bidu tas-seklu għoxrin.
(Ritratt: Ħajr lill-Kan. John Meilak u s-Sur Ino Mario Borg.)

dik it-triq li fl-antik kienet tissejjaħ "Taħt Putirjal", jiġifieri dik it-t-telgħa li mill-inħawi "tat-Taflija" kienet twasslek preċiż sa quddiem il-bieb prinċipali – il-*Porta Reale* – tal-Belt il-qadima ta' Għawdex, illum magħrufa bħala "iċ-Ċittadella." Mal-medda tas-snin tant kibret l-importanza u l-popolarita' tat-Tiġrija ta' Santa Marija li l-Għawdxin bdew jirreferu għal din it-triq bħala "Triq it-Tiġrija." Għal mijiet ta' snin dan kien l-isem uffiċċjali tagħhha sakemm fi żmienna xi ħadd dehrlu li dan l-isem għandu jitwarrab u semma 'l din it-triq għal Jum ir-Repubblika. Imma l-Għawdxin xorta għadhom isejħulha "Triq it-Tiġrija"!

It-Tiġrija ta' Santa Marija sabet postha wkoll fil-ġabra tal-qwiel Maltin u Għawdxin. Fil-fatt, l-antiki kienu jgħidulek, "Twelid f'Santa Marija jiġi msejjaħ għat-tiġrija." Dan ifisser li min jitwieled nhar Santa Marija għandu ċans iktar minn ħaddieħor li jsir ġerrej tajjeb taż-żwiemel. Din it-tiġrija daħlet ukoll fl-għana folkloristiku Għawdxi. Snin ilu kont qed nigbor tagħrif folkloristiku minn San Lawrenz flimkien mal-mibki Anton F. Attard u wieħed bidwi anzjan għaddielna dawn il-versi:

Lestu l-ħmara, lestu d-debba
għax waslet Santa Marija,
jekk neħduhom ġewwa r-Rabat
l-ewwel jieħdu fit-tiġrija!

Fit-Tiġrija ta' Santa Marija kienu jiġru ħmir, bgħula, dwieb, u żwiemel. F'Triq it-Tiġrija kien hemm tlett settijiet ta' plieri biex jimmarkaw il-bidu ta' kull korsa. Il-koros tal-ħmir kienu jkunu l-iqsar. Il-paljijiet lill-ġerrejja rebbieħa kienu jingħataw minn dak post imsejjaħ "il-Barrakka", cioe' dik l-istruttura sabieħa li hemm quddiem il-Kurja Veskovili ta' Għawdex. Din inbniet fl-1733, aktarx fuq disinn ta' François de Mondion, u ħadet post oħra li kienet ilha hemm sa miż-żmien medjovali. Fil-pjazza tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija, illum il-Katidral, kien hemm "il-Loġġa tal-Paljijiet". Din kienet tinsab fuq il-mina li minn barra kienet twasslek għall-pjazza, dik li aħna illum insejħulha "il-mina l-qadima." Hemmhekk kienu jitqiegħdu għall-wiri l-paljijiet li nhar Santa Marija kienu jkunu ser jiġu mogħtija lir-rebbieħa tat-tiġrija. Din il-Loġġa kienet tneħħiet fil-bidu tas-seklu dsatax, meta l-istess mina u l-pjazza tal-knisja ġew imkabbra.



It-Tiġrija ta' Santa Marija fi żmienna. (Ritratt: Daniel Cilia)

Minbarra l-bhejjem, f'din it-tiġrija kienu jiġru wkoll l-irġiel. Dawn kienu jibdew b'żewġ koros. L-irġiel li jirbħu l-koros tagħhom ma kienux jirċievu l-paljijiet imma jingħataw xi milsa (beritta) jew kappell, xi ċinturin, xi maktur tal-kulur, jew xi terħa. It-terħa kienet tkun buxakka, jiġifieri wiesgħa, twila, u b'ħafna ilwien sbieħ, li r-raħħal kien normalment jilbes biss fil-festa u f'okkażżjonijiet speċjali. Kien hemm irġiel li għaddew ħajjithom kollha jiġru fit-Tiġrija ta' Santa Marija. Kienu jibdew jieħdu sehem fiha meta jkunu tfal u jibqgħu jiġruha ta' kull sena sa ma jixjieħu. "Għax it-Tiġrija ta' Santa Marija daħlet f'demmi!", kienu jgħidulek dawn.

Matul is-snin diversi kienu dawk id-dinjitarji ċivili u persuni distinti li ġew minn Malta għal Santa Marija u ħadu wkoll sehem fit-tiġrija. Minħabba n-nuqqas ta' spazju insemmi hawn żewġ każijiet biss. Nhar Santa Marija tal-1746, il-Granmastru Manuel Pinto da Fonseca tela' minn Malta għal Għawdex biex jiċċelebra l-Għid tal-Assunta mal-poplu ta' dil-gżira. U kif kien hawn qassam il-paljijiet lir-rebbieħa tat-tiġrija mill-Barrakka. Hekk ġara wkoll f'Santa Marija tal-1826, issa Żmien l-Ingliżi. Dakinhar il-Gvernatur Francis Edward Rawdon-Hastings ġie Għawdex ma martu u żewġt' ibniet mis-sitt ulied li kellu. Minbarra li assista għall-briju u l-ferħ tal-festa, qassam ukoll il-paljijiet lir-rebbieħa tat-tigrija.

Bosta kittieba antiki u moderni kitbu dwar it-Tiġrija ta' Santa Marija. Minn dawn ser insemmi biss lill-Konti Ciantar. Fil-*Malta Illustrata* (1780), dan jikteb li nhar il-15 ta' Awwissu, f'Għawdex itellqu d-dwieb u l-bhejjem. Isemmi wkoll li l-bhejjem Għawdxin huma *non men generosi di questi di Malta* u kultant issibhom isbaħ u aħjar għas-servizz tal-Milizzja minn dawk ta' Malta, aktarx minħabba r-raba' għammiel li bih hu mżejjen Għawdex.

Daqshekk ser ngħid dwar it-Tiġrija ta' Santa Marija għax l-Editur ta' dan il-Ktejjeb-Programm talabni biex ma niktibx fit-tul! Imma dak li ktibt hu biżżejjed biex wieħed jifhem il-qedem venerabbli ta' dan l-avveniment annwali li hu parti integrali mill-Istorja u l-Folklor tal-gżira tagħna ta' Għawdex. Għalhekk nistagħġeb mhux ftit meta ta' kull sena, fil-jiem ta' Santa Marija, fil-ġurnali tas-soltu u fuq xi mezzi soċjali oħra tibda tara kitbiet miktuba bil-għan li jfixxklu lil dawk li illum għandhom f'idejhom l-organizazzjoni tat-Tiġrija ta' Santa Marija, dawk li jagħmlulek sena sħiħa jaħdmu u jistinkaw biex issir. Fost dawk li jiktbu kemm kemm ma ssibx min jgħidlek li din it-tiġrija għadda żmienha u għandha tinqata' darba għal dejjem. Oħrajn, għax ma jifmhux l-importanza storika u folkloristika ta' din it-tiġrija, jgħidulek li għandha ssir f'xi post ieħor, jew f'xi jum ieħor! X'faqar ta' mentalita'! X'nuqqas ta' apprezzament għal dak kollu li jsawwar ġrajjiet artna u l-poplu tagħha! Dak li jiġri pero' meta wieħed, minħabba n-nuqqas ta' studju u għarfien, jibda jaħseb li kollox beda miegħu. U għalhekk jibda jidhirlu li għandu jidetta kollox u lil kulħadd!

Mur l-Italja u għid liċ-ċittaddini ta' Siena jagħmlulek il-*Palio* f'xi jum differenti minn dak li fih ilhom jorganizzawh għal mijiet ta' snin! Jew mur għid liċ-ċittadini ta' Asti ma jibqgħux jagħmlu l-*Palio* fi Piazza Alfieri fejn ilu jsir tant! Ħasra li ta' kull sena l-Għawdxin qed ikollhom iħabbtu wiċċhom ma tant tfixkil hekk kif jasal il-*Palio* tagħhom li, sa minn Żmien il-Medjuevu, ilhom jorganizzaw f'jum il-festa ta' Santa Marija ta' Nofs Awwissu. ■




LEONE MUSIC SCHOOL

MUSIC THEORY LESSONS
AGES FROM 6 - 10 YEARS

MUSIC INSTRUMENT LESSONS
AGES FROM 10+ YEARS
BRASS / WOODWIND ACCORDING TO PREFERENCE

CONTACT ON 79537850